**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 18**

**Il-Ġimgħa 13 t'Awwissu 2020**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **18.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 18.1.1 | Xejn |
| **18.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 18.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 17 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 18.2.2 | Is-Sin. Elenia Desira, ipproponiet u issekonda is-Sindku Steven Grech bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 17 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **18.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 18.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li fl-14 ta' Lulju 2020 fl-10.30am Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Daniel Zerafa kellhom laqgħa il-Kunsill Lokali mal-MAFA , bejjigħa tal-ħut u L-*Boat Trip owners* fejn iddiskutew l-ewwel laqgħa tal-Fish Fest. |
| 18.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fid-29 ta` Lulju 2020 fit-8:00am Is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat kellhom laqgħa ġewwa l-Kunsill Lokali ma-rappreżentanti mill-Life Long Learning, fejn saru arranġamenti fuq klassijiet u l-lezzjonijiet li ser jiftħu f `Ottubru 2020. |
| 18.3.3 | Is- Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-30 ta` Lulju 2020 fl-4pm hu attenda laqgħa l-Kunsill Lokali Fgura fejn saret sessjoni ta' konsultazzjoni tal-Community Policing fil-Lokalita, fejn l-istess laqgħa ġiet indirizzata mill-Onorevoli Ministru Byron Camilleri u mill-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa. |
| 18.3.4 | Is-Sindku informa l-kunsilliera presenti li fil-31 ta` Lulju 2020 fl-10am, Is-Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv Carmelo Attard kellhom laqgħa mad-Deputat Chief of Staff tal-Prim Ministru, Is-Sur Oliver Magro ġewwa Kastilja fejn gie diskuss Il-Hard Standing ta Port Ruman biex jigi trasferit għan naħa ta Delimara ħdejn il-Power Station. Dan biex jitwal il-Breakwater attwali u jsir Break water ieħor fejn ngħidulu il-Gun Post. Kif ukoll rigward ir-riġenerazzjoni tal-monti u l-master plan tal-imwejjed u siġġijiet ta madwar ix-xatt. |
| 18.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera presenti li fl-4 ta' Lulju 2020 fid-9 t`Awwissu 2020 Is –Sindku kellu laqgħa ġewwa l-Kunsill Lokali mal-Community Police biex jiddiskutu qabel ma jibdew fil-Komunita, u wara Is-Sindku flimkien ma Daniel Zerafa attendew għal-laqgħa tal-Fish Fest, fejn l-istess attivita' issa ġiet posposta. |
| 18.3.6 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera presenti li fl-10 t`Awwissu fl-10am Is-Sindku flimkien mal Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa il-Kunsill Lokali ma Solution L fejn qed isiru diskussjonijiet biex jiżdied iżjed WiFi ġo Marsaxlokk minn fondi mgħotijien lill Kunsill Lokali. |

| | |
|---|---|
| 18.3.7 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li irċieva ittra fejn ġie mgħajjar mill-bejiegħa tal-monti rigward artiklu li deher fuq il-gazetta it-Torċa. |
| 18.3.8 | Is-Sindku informa l-kunsilliera Ser issir Camera fuq l-iskip tal-WEE li giet imresqa ħdejn il ground u ser titwahhal tabella. |
| **18.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 18.4.1 | Giet diskussa Il-Fish Fest. Din is-sena miħabba il-Pandemija tal-Covid, għall din is-sena Fish Fest mhux ser issir. Sar qbil ukoll bejn is-Sindku u l-Kunsilliera li l-Fish Fest titressaq u tibda issir kull sena dejjem fil-weekend ta qabel Jum l-Indipendenza. Dan għaliex ikun l-istaġun tal-lampuki. Għalhekk ġie deċiż ukoll li jsir avviż ġdid fuq Facebook kif ukoll jiġu avżati l-bejjiegħa tal-monti, li ittieħdet din id-deċiżjioni sabiex jittieħdilhom Ħadd wieħed minflok tnejn. |
| 18.4.2 | Is-Sa Janice Chetcuti xtaqet tiċċara jekk dak li ippropona l-Onor. Jean Claude Micallef ġiex deċiż jew għadu f'stadju ta' diskussjoni. Fejn is-Sindku iccara li kull ma għad hemm huma diskussjonijiet ta' pjan. |
| 18.4.3 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet rigward siġġu ta' diżabilta fejn hi ġiet infumata li il-Kunsill ma riedx jagħmlu. Ġie iċċarat li dan ma kienx minnu. |
| 18.4.4 | Is-Sindku ressaq il-problema tal-Monti rigward il-posti, tqejjid tal-vetturi u l-ħin. |
| 18.4.5 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet rigward l-istat tat tiq ta Delimara. Daniel Zerafa spjega li dan ix-xogħol qed isir mil-Gvern Ċentrali min-naħa tal-WSC. Spjega ukoll li ħabba traffiku ix-xogħlijiet bdew idumu allura ġie deċiż li xogħolijiet għalissa jieqfu jiġi asfaltat sa fejn sar u jitkompla f'Ottubru. Inqabel li issir talba lill Cleansing department biex indafu u jinqata il ħaxix fil-parti li għada ma tlestietx. |
| 18.4.6 | Is-Sindku informa li l-Public toilets ser ikun hemm Żewġ persuni jieħdu ħsieb nhar ta' Ħadd. |
| **18.5** | **Community Policing** |
| 18.5.1 | Introduzzjoni ta' dawk li attendew. |
| 18.5.2 | Intlaħaq qbil li tiġi mixtrija karozza fejn il-kunsill iħallas il-liċenzja u l-Insurance, imma spejjeż ta' fuel jitħallas mill-puluzija. |
| **18.6** | **Proġett Boat Storage** |
| 18.6.1 | Elenia staqsiet jekk il-Kunsill hux ser jappella id-deċiżjoni sabiex il-boat storage isirx fejn ġie propost. Hi qalet li hemm time frame. Is sindku spjega kif mal-Avukat qed jiċċekjaw ta' min hi l-art. Dniel Zerafa irraporta x'gie deċiż u Janice spjegat li il-Kunsill għandu jappella fuq it-talbiet li ma ntlaqawx. Filwaqt li l-Kunsill jilqgħa it talbiet li ġew ingħatata il-Kunsill jappella u jitlob li it-talba tas-saqaf issir ukoll. Ittieħed vot li jsir appell unanimament |

| | |
|---|---|
| 18.6.2 | Is-Segretrju Eżekuttiv qara Ittra legali indirizzata lis-sindku u lilhu rċevuta min għand l-avukat tas-Soċjeta Schembri Barbros Ltd. Fejn dawn urew l-interss u li jiġu ikkunsidrati s-suġġerimenti tagħhom fil-proġett ta riġenerazzjoni tal-port rigward il-Marina, Boat Storage, Hard Standing u l-Ġnien Botaniku, fuq bażi PPP. |
| 18.6.3 | Is-Segretarju EŻekuttiv propona li f'kazijiet bħall din l-ittra il-kunsill għandu jkollu Avukat sabiex jgħati servizz ta' parir u interpetazzjoni ta ittri etċ. Huwa semma lill Dr. Sladden li jgħati dan is-servizz u li ser jiswa lill-Kunsill €5,000 fis sena. Sar Qbil bejn il-kunsilleira kollha biex imexxu fuq reklutaġġ ta l-istess imsemmi Avukat. |
| **<u>18.7</u>** | **<u>Skart</u>** |
| 18.7.1 | Ġiet diskussa id-deċiżjoni tal-Wasteserv rigward il-ġbir tal-ħġieġ. Il-Kunsilliera qajmu diversi tħassib kif ser jimxi dan il-process. Apparti il Mard tal- Covid x'ser jġri mill-blokkok tal flats etc. Sar qbil li titelgħa post fuq Facebook fejn il-Kunsill javża li l-Kunsill mhux favur din l-idea imma ser ikollu jimxi ma din id-deċizjoni. Sar qbil ukoll li ssir skip bi prova għall ħġieġ. |
| 18.7.2 | Ser tissejaħ laqgħa mal kollettur sabiex ma jħallix diżastru meta jgħassar l-iskart. |
| **<u>18.8</u>** | **<u>Board tal Għażla</u>** |
| 18.8.1 | Is-Sindku u Segretarju proponew il-Bord tal Għażla li jkun iffurmat minn 5 persuni peress li din hija sejħa għall skala 11. Membri tal board huma Adrian Mifsud ex direttur AKL, żewg Segretrji Ezekuttivi, Kenneth Brincat u Chris Falzon, Accountant Christian Vella u Charles Attard Dep.Seg. Ezk. M'Xlokk. Kien hemm qbil unanimu min dawk preżenti. |
| **<u>18.9</u>** | **<u>Xiri ta Żebgha</u>** |
| 18.9.1 | Ser isir xiri ta żebgħa f'ammot kbir peress li ser isir ħafna xogħol ta żebgha, dan ukoll biex tinxtara bi prezz aħjar. |
| **<u>18.10</u>** | **<u>App.</u>** |
| 18.10.1 | Ġiet proposta App ġdida minflok il-webpage li ser tiswa lill-kunsill €495 first time installation u €50 monthly maintenance & upload. Daniel iċċara li l-Web page eżistenti tiswa lill kunsill €500 fis-sena u ma tintużax. Il-kunsilliera preżenti qablu li L-app hija iktar moderna tintuża iktar. Dawk preżenti qablu unanimament li ssir. |
| **<u>18.11</u>** | **<u>Waiting list tal-Kaxxi tal Monti.</u>** |
| 18.11.1 | Peress li l-lista tal-waiting list hi antika u hemm talba min għand bosta il-bejigħa, ittieħed parir min għand Dr. Sladden fejn spjega li l-kunsill għandu jipproponi li ssir lista ġdida fuq bazi li hemm riorganizzazjoni tal-monti u li l-aħħar lista saret 9 snin ilu u hi antika. Awtomatikament il-lista il-ġdida telimina l-antika. Fuq dan isir sejħa ġol-gazzetta tal-gvern, u jitmexxa kollox Fare trade. Dawk prezenti qablu li jimxu fuq il-parir tal-avukat. |

| | |
|---|---|
| **<u>18.12</u>** | **<u>Skeda ta pagamenti</u>** |
| 18.12.1 | Propona Daniel Zerafa , issekonda Stephen Caruana |
| **<u>18.13</u>** | **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>** |
| 18.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru 2020, fl-16:00. |

**Konfermati, illum 10 ta' Settembru 2020.**

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

_______________________ _______________________

Steven Grech
Sindku

Charles Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv